MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Avviz Numru. 412/2008

**Roger (ID 374660M) u Gillian (215365M)**
**konjugi De Gaetano**

**Vs**

**Mark Debono proprio u in rapprezentanza**
**tas-socjeta' *en nom collectif* Ant. Debono & Sons**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut 'proprio et nomine' jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' hamest elef sitt mija u hamsa u hamsin Ewro u tliet centezmi (€5,655.03) rapprezentanti danni kkawzati fit-tarag ta' l-irham propjeta' tal-atturi, liema danni gew ikkawzati minhabba imperizja u traskuragni tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz tal-avviz kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Ottubru 2008 kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.  Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-istess konvenut ‘pro et noe’ (fol 8 u fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi huma ma kellhom assolutament l-ebda htija.
2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-23 ta’ Settembru 2009 (fol 23 ibid) u li bih gie nominat bhala espert tekniku l-AIC Godwin Abela bil-poter u fakoltajiet hemm specifikati.

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert tekniku (fol 62 et seq ibid), kif ukoll il-verbali u atti annessi mal-istess relazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specifikatament dak verbalizzat a fol 49, 50, 53 u 56 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, qabel in-nomina tal-imsemmi espert tekniku l-Qorti semghet ix-xhieda ‘viva voce’ tal-istess attur (ara fol 23 u fol 24 et seq ibid) li xehed illi matul Novembru tal-2007, kien mar ghand is-socjeta’ konvenuta sabiex jordna tapit ghat-tarag fil-Villa msemmija fl-istess xhieda.  Filfatt ’…kont hallejt it-tarag kif kien bl-irham meta xtrajt id-dar’. Hu ddeskriva l-istess tarag bhala ‘… tar-ragg cjoe fit-tond’. Fil-post in kwistjoni kien gie rappresentant tas-socjeta’ konvenuta u ntlahaq ftehim fuq il-prezz tat-tapit u tat-twahhil ta’ dan fl-istess tarag. In rigward l-istess xoghol, dan kien sar mit-tifel tal-konvenut, Ian Debono, li taqqab it-tarag sabiex l-istess xoghol jigi esegwit. Wara l-attur skopra li t-toqob kollha kienu saru hazin skond kif jirrizulta mill-annessi ritratti esebiti a fol 27 sa fol 32 tal-atti.  Filfatt seta jara li meta twahhal it-tapit, dan ‘… gie kollu

mghawweg u t-tapit beda jizloq l-isfel ukoll'. Dan minhabba li t-toqob fl-irham u li fihom jitwahhlu l-vireg kienu saru akbar milli suppost bil-konsegwenza li l-istess vireg ma kienux qed jehlu. Minhabba hekk lavrant iehor u l-konvenut kienu ghamlu toqob ohra f'hames targiet biss izda xorta wahda, t-tapit '… baqa' mghawweg'. Ghalhekk l-attur kien ikkomunika mad-ditta msemmija fix-xhieda tieghu (ara ukoll fol 19 ibid) u rappresenti ta' din tawh il-parir '… li bilfors kellha ssir it-tielet toqba'. Inoltre l-attur qal illi minhabba x-xoghol esegwit hazin, l-irham kollu tat-tarag ghandu jinbidel (ara dwar l-istima ta' dan fol 18 ibid).

Illi l-espert tekniku (fol 62 et seq ibid) issottometta, dwar dak li kkonstata fil-post, illi fuq numru sostanzjali ta' 'risers' kien hemm aktar minn zewg toqob (erba' toqob minflok tnejn' u jekk dawn jimtlew jibqghu vizibbli. Inoltre ma hux possibbli li parti mill-irham jinbidel.

Ikkunsidrat

Illi, wara l-presentatata tar-rapport tekniku, inghatat l-opportunita lill-konvenut pro et nomine sabiex jigi esamint l-istess rapport u jekk hemm, jigu prodotti provi in sostenn tal-eccezzjoni u ghalhekk it-talba attrici kif maghmula ghandha tigi akkolta.

Illi,pero, meta xehed l-attur, dan dejjem specifika illi l-ftehim in esami kien sar mas-socjeta' 'en nom collectif' Ant. Debono and Sons' u mhux mal-konvenut, f'ismu proprju. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta kontra l-istess socjeta, biss.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-konvenut 'proprio' mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta, wahedha, sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' €5,655.03 bl-imghax legali mill-10 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament efettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Ottubru 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------